31993L0043

19.7.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 175/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/43/KEE
ta' l-14 ta' Ġunju 1993
dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

F'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Economiku u Soċjali [2],

Billi l-moviment liberu ta' l-oġġetti ta' l-ikel huwa kondizzjoni minn qabel essenzjali għat-tkomplija tas-suq intern; billi dan il-prinċipju jimplika fiduċja fl-istandard tas-sigurtà ta' l-oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem f'ċirkolazzjoni libera, u b'mod partikolari l-istandards tagħhom ta' l-iġjene, fl-istadji kollha tat-tħejjija, tal-proċessar, tal-fabbrikazzjoni, tal-ippakkjar, tal-ħażna, tat-trasport, tad-distribuzzjoni, tat-tqandil u ta' l-offerta għall-bejgħ jew għall-forniment lill-konsumatur;

Billi l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem hija ta' importanza kbira;

Billi din il-protezzjoni diġà kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 89/397/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1989 dwar il-kontroll uffiċjali ta' l-oġġetti ta' l-ikel [3] kif ukoll ta' regoli iktar speċifiċi f'dan is-settur; billi għan importanti ta' dawn il-kontrolli huwa l-iġjene ta' l-ikel; billi d-Direttiva 89/397/KEE tikkonċentra fuq l-ispezzjoni, it-teħid tal-kampjuni u l-analiżi u għandha tiġi ssupplementata b'dispożizzjonijiet immirati li jitejbu l-livell ta' l-iġjene ta' l-ikel u li jżidu l-fiduċja fl-istandard ta' l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel f'ċirkolazzjoni libera;

Billi r-regoli ġenerali ta' l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom jiġu osservati fil-waqt tat-tħejjija, tal-proċessar, tal-fabbrikazzjoni, tal-ippakkjar, tal-ħażna, tat-trasport, tad-distribuzzjoni, tat-tqandil u l-offerta għall-bejgħ jew għall-forniment lill-konsumatur għandhom jiġu armonizzati sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem;

Billi l-użu ta' analiżi għall-periklu, ta' stima tar-riskji u ta' metodi tekniċi oħra tal-ġestjoni sabiex jidentifikaw, jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-punti kritiċi huwa rikonnoxxut;

Billi l-kriterji mikrobijoloġiċi u l-kriterji għall-kontroll tat-temperatura jistgħu jiġu adottati għal ċerti klassijiet ta' oġġetti ta' l-ikel; billi, jekk adottati, għandhom ikunu skond il-prinċipji ġenerali xjentifikament aċċettati;

Billi l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu u jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene li għalihom jistgħu jirreferu n-negozji kummerċjali ta' l-ikel, ibbażati, fejn approprjat, fuq il-Kodiċi tal-Prattika Rakkommandata Internazzjonalment, il-Prinċipji Ġenerali ta' l-Iġjene ta' l-Ikel tal-*Codex Alimentarius* [4];

Billi l-Kummissjoni, megħjuna mill-Istati Membri u minn partijiet oħra interessati, għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene li għalihom jistgħu jirreferu n-negozji kummerċjali ta' l-ikel meta meħtieġ fil-Komunità kollha;

---

[1] ĠU C 174, tat-23.11.1992; u ĠU C 150, tal-31.5.1993.
[2] ĠU C 223, tal-31.8.1992, p. 16.
[3] ĠU L 186, tat-30.6.1989, p. 23.
[4] Il-*Codex Alimentarius* Volum A. Il-Kodiċi Internazzjonali Rakkommandat ta' Prattika. Il-Prinċipji Ġenerali ta' l-Iġjene ta' l-Ikel. It-Tieni Reviżjoni (1985). L-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u ta' l-Agrikoltura ta' l-Organizazzjoni Dinija tas-Saħħa tan-Nazzjonijiet Uniti, Ruma 1988.

Billi, madankollu, l-operatur ta' negozju kummerċjali ta' l-ikel huwa responsabbli mill-kondizzjonijiet ta' l-iġjene fin-negozju kummerċjali tiegħu ta' l-ikel; billi din id-Direttiva għalhekk ma timponix l-osservanza tal-gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene, li m'għandhom l-ebda forza fil-liġi;

Billi, sabiex jiġu implementati r-regoli ġenerali ta' l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel u tal-gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene, għandha tiġi rrakkommandata l-applikazzjoni ta' l-istandards ta' serje *EN* 29000;

Billi l-osservanza tar-regoli ġenerali ta' l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel għandha jiġi kkontrollata skond id-Direttiva 89/397/KEE mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, bil-għan li l-konsumatur jiġi pprevenut milli ssirlu ħsara minn oġġetti ta' l-ikel mhux tajba għall-konsum mill-bniedem jew potenzjalment ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem;

Billi l-operaturi tan-negozji kummerċjali ta' l-ikel għandhom jiżguraw illi l-oġġetti ta' l-ikel biss li ma jkunux ta' ħsara għas-saħħa jitqiegħdu fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw il-poteri xierqa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika; billi, madankollu, id-drittijiet leġittimi tan-negozji kummerċjali ta' l-ikel għandhom jiġu garantiti;

Billi l-Kummissjoni għandha tingħata tagħrif dwar l-identità ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri responsabbli mill-kontroll uffiċjali ta' l-iġjene ta' l-ikel,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli ġenerali ta' l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-proċedura għall-verifika tal-konformità ma' dawn ir-regoli.

2. Din Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet adottati fil-kuntest tar-regoli Komunitarji iktar speċifiċi dwar l-iġjene ta' l-ikel. Fi żmien tliet snin mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina r-relazzjoni bejn ir-regoli Komunitarji speċifiċi dwar l-iġjene ta' l-ikel u dawk ta' din id-Direttiva u, jekk meħtieġ, tagħmel proposti.

L-Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

— *l-iġjene ta' l-ikel*, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-iġjene", għandha tfisser kull miżura meħtieġa sabiex tiżgura s-sigurtà u l-utiq tas-saħħa ta' l-oġġetti ta' l-ikel. Il-miżuri għandhom ikopru kull stadju wara l-produzzjoni primarja (din ta' l-aħħar tinkludi, per eżempju, il-ħsad, il-qtil u l-ħlib), waqt il-ħejjija, l-ipproċessar, il-fabbrikazzjoni, l-ippakkjar, il-ħażna, it-trasport, id-distribuzzjoni, it-tqandil u l-offerti għall-bejgħ jew għall-forniment lill-konsumatur,

— *negozju kummerċjali ta' l-ikel* ifisser kull impjant, għall-profitt jew le u pubbliku jew privat, li jwettaq waħda jew kollha minn dawn li ġejjin: it-ħejjija, l-ipproċessar, il-fabbrikazzjoni, l-ippakkjar, il-ħażna, it-trasport, id-distribuzzjoni, it-tqandil jew l-offerta għall-bejgħ jew għall-forniment ta' oġġetti ta' l-ikel,

— *ikel utiq għas-saħħa* jfisser l-ikel li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem safejn u sakemm jirrigwarda l-iġjene.

L-Artikolu 3

1. Il-ħejjija, l-ipproċessar, il-fabbrikazzjoni, l-ippakkjar, il-ħażna, it-trasport, id-distribuzzjoni, it-tqandil u l-offerta għall-bejgħ jew għall-forniment ta' l-oġġetti ta' l-ikel għandhom jitwettqu b'mod iġjeniku.

2. L-operaturi tan-negozji kummerċjali ta' l-ikel għandhom jidentifikaw kwalunkwe pass fl-attivitajiet tagħhom li huwa kritiku sabiex jiżguraw is-sigurtà ta' l-ikel u jiżguraw illi jiġu identifikati, implementati, miżmuma u riveduti l-proċeduri adegwati tas-sigurtà fuq il-bażi tal-prinċipji li ġejjin, użati sabiex jiżviluppaw is-sistema tal-HACCP (Analiżi tal-periklu u tal-punti kritiċi tal-kontroll):

— l-analiżi tal-perikli potenzjali fl-ikel fil-ħidma ta' negozju kummerċjali ta' l-ikel,

— jidentifikaw il-punti f'dawn il-ħidmiet fejn jistgħu jinqalgħu perikli fl-ikel,

— jiddeċiedu liema mill-punti identifikati huma kritiċi għas-sigurtà ta' l-ikel – "il-punti kritiċi",

— jidentifikaw u jimplementaw il-proċeduri għall-kontroll u l-monitorjar effettivi f'dawn il-punti kritiċi,

u

— jirrevedu l-analiżi tal-perikli fl-ikel, tal-punti kritiċi tal-kontroll u tal-proċeduri tal-kontroll u tal-monitorjar perjodikamet u kull meta jinbidlu l-ħidmiet fin-negozju kummerċjali ta' l-ikel.

3. L-opraturi tan-negozji kummerċjali ta' l-ikel għandhom jikkonformaw mar-regoli ta' l-iġjene elenkati fl-Anness. Jistgħu jingħataw derogi minn ċerti dispożizzjonijiet ta' l-Anness skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

L-Artikolu 4

Mingħajr preġudizzju għal regoli Komunitarji aktar speċifiċi, jistgħu jiġu adottati kriterji mikrobijoloġiċi u kriterji għall-kontroll tat-temperatura għal ċerti klassijiet ta' oġġetti ta' l-ikel skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel stabbilit bid-Deċiżjoni 74/234/KEE [1].

[1] ĠU L 136, tal-20.5.1974, p. 1.

L-Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene li jistgħu jintużaw b'mod volontarju min-negozji kummerċjali ta' l-ikel bħala gwidi sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3.

2. Fejn jiġu żviluppati gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, dawn għandhom jiġu żviluppati kif ġej:

— mis-setturi ta' negozji kummerċjali ta' l-ikel u r-rappreżentanti ta' partijiet oħra interessati, bħalma huma l-awtoritajiet approprjati u l-gruppi tal-konsumaturi,

— f'konsultazzjoni ma' l-interessi affettwati sostanzjalment, inklużi l-awtoritajiet kompetenti,

— fejn approprjat, wara li jiġi kkunsidrat il-Kodiċi Internazzjonali Rakkommandat ta' Prattika, il-Prinċipji Ġenerali ta' l-Iġjene ta' l-Ikel tal-*Codex Alimentarius*.

3. Il-gwidi li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jiġu żviluppati taħt il-patroċinju ta' istitut ta' standards nazzjonali riferit fil-lista 2 ta' l-Anness mad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tistabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi ([1]).

4. L-Istati Membri għandom jagħmlu stima tal-gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2 bil-ħsieb li jiġi stabbilit safejn u sakemm jistgħu jitqiesu li jikkonformaw ma' l-Artikolu 3.

5. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni dawk il-gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene li huma jqisu li jikkonformaw ma' l-Artikolu 3.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn il-gwidi disponnibbli lill-Istati Membri.

6. Meta Stat Membru jew aktar, jew il-Kummissjoni, jikkunsidraw illi, għall-għanijiet ta' l-armonizzazzjoni, jista' jkun hemm ħtieġa għall-gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene fuq bażi Ewropea (minn issa 'l quddiem li hemm referenza għalihom bħala "il-gwidi Ewropej għall-prattika tajba ta' l-iġjene"), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel skond l-Artikolu 14. L-iskop ta' din il-konsultazzjoni għandu jkun li jiġi kkunsidrat il-każ għal dawn il-gwidi volontarji fis-setturi jew fl-attivitajiet interessati, u, fejn dawn il-gwidi jitqiesu meħtieġa:

— sabiex jindikaw il-firxa maħsuba, il-kontenut tas-suġġett u l-iskeda taż-żmien għall-iżvilupp ta' dawn il-gwidi volontarji, filwaqt li jitqies iż-żmien meħtieġ għall-konsultazzjoni ma' interessi sostanzjalment affettwati minnhom,

u

— sabiex jirreferu dawn il-gwidi volontarji għall-iżvilupp u/jew l-istima taħt il-patroċinju ta' istitut Ewrope ta' l-istandards.

7. Fl-iżvilupp tal-gwidi Ewropej għall-prattika tajba ta' l-iġjene li hemm referenza għalihom fil-paragafu 6, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex:

— jiżguraw illi dawn il-gwidi jiġu żviluppati mir-rappreżentanti tas-setturi tan-negozju kummerċjali ta' l-ikel u mir-rappreżentanti ta' l-interessi affettwati sostanzjalment, bħalma huma, per eżempju, l-awtoritajiet kompetenti u l-gruppi tal-konsumaturi,

— jiżguraw illi l-kontenut ta' dawn il-gwidi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 u, fejn approprjat, jingħata kas tal-Kodiċi Internazzjonali Rakkommandat ta' Prattika, il-Prinċipji Ġenerali ta' l-Iġjene ta' l-Ikel tal-*Codex Alimentarius*,

— jiżguraw illi l-kontenut ta' dawn il-gwidi jkun pratikabbli għas-setturi ta' l-industrija ta' l-ikel li għalihom jirreferu fil-Komunità kollha,

— jiżguraw illi jitqiesu l-gwidi rilevanti għall-prattika tajba ta' l-iġjene mfassla skond il-paragrafi 1 sa 3,

— jiżguraw illi l-interessi kollha affettwati sostanzjalment minn dawn il-gwidi, inklużi l-Istati Membri, jiġu kkonsultati u li jitqiesu l-kummenti tagħhom.

8. It-titoli u r-referenzi tal-gwidi Ewropej għall-prattika tajba ta' l-iġjene żvilupatti skond il-proċedura fil-paragrafi 6 u 7 għandhom jiġu ppubblikati fis-serje Ċ tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi dawn il-gwidi ppubblikati jingħiebu għall-attenzjoni tas-setturi rilevanti tan-neġozju ta' l-ikel u ta' l-awtoritajiet approprjati fit-territorji tagħhom.

L-Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom, jekk jikkunsidraw approprjat, jirrakkommandaw lill-operaturi tan-negozji kummerċjali ta' l-ikel għalbiex japplikaw l-Istandards Ewropej tas-serje *EN* 29000 sabiex jiġu implimentati r-regoli ġenerali ta' l-iġjene u l-gwidi għall-prattika tajba ta l-iġjene.

([1]) ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 92/400/KEE (ĠU L 221, tas-6.8.1992, p. 55).

L-Artikolu 7

1. Bla ħsara għat-Trattat, l-Istati Membri jistgħu jżommu, jemendaw jew idaħħlu dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-iġjene li huma iktar speċifiċi minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet:

— ma jkunux inqas stringenti minn dawk stabbiliti fl-Anness,

— ma jikkostitwixxux restrizzjoni, xkiel jew ostakolu lis-suq ta' l-oġġetti ta' l-ikel prodotti skond din id-Direttiva.

2. Sakemm ikunu ġew stabbiliti d-dispożizzjonijiet iddettaljati skond l-Artikolu 4, l-Istati Membri jistgħu jżommu, jemendaw jew idaħħlu d-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti, bla ħsara għat-Trattat.

3. Jekk Stat Membru jidhirlu meħtieġ, fil-każijiet ipprovvduti fil-paragrafi 1 u 2, li jadotta leġislazzjoni ġdida jew li jemenda l-leġislazzjoni fis-seħħ, għandu jikkommunika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-miżuri previsti u jagħti r-raġunijiet li jiġġustifikawhom. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel stabbilit bid-Deċiżjoni 69/414/KEE [1] jekk taħseb li din il-konsultazzjoni hija ta' siwi jew jekk Stat Membru hekk jitlob.

L-Istat Membru jista' jieħu l-miżuri previsti tliet xhur biss wara din il-komunikazzjonijoni u sakemm ma jkunx irċieva opinjoni kuntrarja mill-Kummissjoni.

Fil-każ ta' l-aħħar, qabel ma jiskadi ż-żmien riferit fit-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiftaħ il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 sabiex tistabbilixxi jekk il-miżuri previsti jistgħux jiġu implementati bla ħsara, jekk hu meħtieġ, għall-emendi approprjati.

L-Artikolu 8

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-kontrolli skond Direttiva 89/397/KEE sabiex jiżguraw illi d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva u, fejn approprjat, kull dispożizzjoni stabbilita skond l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva jitħarsu min-negozji kummerċjali ta' l-ikel. Meta jsir dan, għandha tingħata l-konsiderazzjoni mistħoqqa lill-gwidi għall-prattika tajba ta' l-iġjene li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva.

2. L-ispezzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu stima ġenerali tal-perikli potenzjali għas-sigurtà ta' l-ikel asoċjati man-negozju kummerċjali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-punti tal-kontroll kritiċi identifikati min-negozji kummerċjali ta' l-ikel sabiex jagħtu stima dwar jekk il-kontrolli meħtieġa tal-monitorjar u l-verifika ikunux qegħdin jitħaddmu.

L-Istati Membri għandhom jippovdu illi l-postijiet kollha ta' l-ikel jiġu spezzjonati bi frekwenza li tqis ir-riskji assoċjati mal-post.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw illi l-kontrolli fuq l-oġġetti ta' l-ikel importat fil-Komunità jitwettqa skond id-Direttiva 89/397/KEE sabiex jiżguraw illi jiġu osservati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu 3 u, fejn approprjat, kull dispożizzjoni stabbilita skond l-Artikolu 4.

L-Artikolu 9

1. Jekk waqt it-twettiq tal-kontrolli li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 8, l-awtoritajiet kompetenti jaċċertaw illi n-nuqqas tal-ħarsien tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 jew, fejn approprjat, tad-dispożizzjonijiet stabbiliti skond l-Artikolu 4 jistgħu jirriżultaw għal riskji għas-salvagward jew l-utiq tas-saħħa ta' l-oġġetti ta' l-ikel għandhom jieħdu l-miżuri approprjati, li jistgħu iwasslu għall-irtirar u/jew il-qerda tal-prodott ta' l-ikel jew għall-għeluq ta' parti min-negozju kummerċjali, jew ta' kollu kemm hu, għal żmien approprjat.

Mal-mod kif jiġi stabbilit ir-risku għas-salvagward jew l-utiq tas-saħħa ta' l-ikel għandhom jitqiesu n-natura ta' l-ikel, il-mod kif jiġi mqandel u ppakkjat u kull proċess li għalih l-ikel ikun ġie ssoġġettat qabel il-forniment lill-konsumatur u l-kondizzjonijiet li fuqhom jiġi espost għall-wiri u/jew maħżun.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi kull persuna naturali jew legali affettwata mill-kontroll ikollha d-dritt li tappella kontra l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti wara l-kontroll.

L-Artikolu 10

1. Jekk problema ta' l-iġjene li x'aktarx iġġib magħha riskju serju għas-saħħa tal-bniedem fit-territorju ta' pajjiż terz tinħoloq jew tinfirex, il-Kummissjoni, jew fuq l-inizjattiva tagħha nfisha jew fuq it-talba ta' Stat Membru, għandha tieħu l-miżuri li ġejjin mingħajr dewmien, skond il-gravità tas-sitwazzjoni:

— tissospendi l-importazzjonijiet mill-pajjiż terz interessat, jew minn parti minnu u, fejn meħtieġ, mill-pajjiż terz tat-transitu,

u/jew

— tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali għall-oġġetti ta' l-ikel mill-pajjiż terz kollu interessat jew minn parti minnu.

2. Il-Kummissjoni tista', fil-każ ippovvdut fil-paragrafu 1, tieħu miżuri protettivi temporanji rigward l-oġġetti ta' l-ikel interessati.

[1] ĠU L 291, tad-19.11.1969, p. 9.

3. Għajr fil-każ ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri qabel ma tieħu l-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

4. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill u lill-Istati Membri mingħajr dewmien dwar kull deċiżjoni meħuda skond il-paragrafi 1 u 2.

Kull Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 30 jum min-notifika riferita fl-ewwel subparagrafu. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jikkonferma, jemenda jew iħassar id-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jkunx ħa deċiżjoni fi żmien 30 jum, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni titqies li tkun tħassret.

5. Meta Stat Membru jgħarraf uffiċjalment lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' salvagward u l-Kummissjoni ma tkunx irrikorriet għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, dan l-Istat Membru jista jieħu l-miżuri protettivi temporanji rigward l-importazzjonijiet ta' l-oġġetti ta' l-ikel fil-kwistjoni.

Meta Stat Membru jieħu miżuri protettivi temporanji, għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Fi żmien għaxart ijiem, il-Kummissjoni għandha tressaq il-miżura quddiem il-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 bil-ħsieb ta' l-estensjoni, l-emenda jew it-tħassir tal-miżuri protettivi temporanji nazzjonali.

L-Artikolu 11

1. Meta Stat Membru, b'riżultat ta' tagħrif ġdid jew ta' stima ġdida tat-tagħrif eżistenti, għandu raġuni serja li jissusspetta illi applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet iddettaljati stabbiliti skond l-Artikolu 4 jikkostitwixxu riskju għas-saħħa, jista' jissospendi jew jirrestrinġi temporanjament l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-kwistjoni fit-territorju tiegħu. Għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien u jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-raġunijiet mogħtija mill-Istat Membru li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun fil-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel u għandha tagħti l-opinjoni tagħha u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

L-Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-kontroll ta' l-iġjene u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bihom.

L-Artikolu 13

Jistgħu jiġu adottati emendi għar-referenzi dwar l-istandards internazzjonali, bħal dawk tal-*Codex Alimentarius*, li jinsabu f'din id-Direttiva, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

L-Artikolu 14

Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel (minn issa 'l quddiem riferit bħala "il-Kumitat").

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fil-limitu taż-żmien li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill għandu jaddotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom jiġu ppeżati fil-manjiera ddikjarata f'dan l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri previsti jekk ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat.

Jekk il-miżuri previsti ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħaddi lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

Jekk, tliet xhur mid-data tar-riferiment lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, għajr fejn il-Kunsill ikun iddeċieda kontra l-miżuri msemmija b'maġġoranza sempliċi.

L-Artikolu 15

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 1998, flimkien ma' kull proposta approprjata, dwar l-esperjenza miġbura mill-implementazzjoni ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 16

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn 30 xahar wara l-adozzjoni tagħha. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jikkommunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra.

L-Artikolu 17

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

J. TRØJBORG

L-ANNESS

Daħla

1. Il-Kapitoli V sa X ta' dan l-Anness japplikaw għall-istadji kollha wara l-produzzjoni primarja matul it-tħejjija, l-ipproċessar, il-fabbrikazzjoni, l-ippakkjar, il-ħażna, it-trasport, id-distribuzzjoni, it-tqandil u l-offerta għall-bejgħ jew għall-forniment lill-konsumatur.

   Il-kapitoli li fadal fl-Anness japplikaw kif ġej:

   — Il-Kapitolu I għall-postijiet kollha ta' l-ikel għajr dawk koperti bil-Kapitolu III,

   — Il-Kapitolu II għall-kmamar kollha fejn l-ikel jiġi mħejji, ittrattat jew ipproċessat għajr dawk koperti bil-Kapitolu III u bl-esklużjoni taż-żoni ta' l-ikel,

   — Il-Kapitolu III għal dawk il-postijiet elenkati fl-intestatura tal-Kapitolu,

   — Il-Kapitolu IV għat-trasport kollu.

2. It-termini "fejn approprjat" u "fejn meħtieġ" użati f'dan l-Anness ifissru għall-għanijiet li jiżguraw is-salvagward u l-utiq għas-saħħa ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

I

Il-ħtiġiet ġenerali għall-postijiet ta' l-ikel (għajr dawk speċifikati fil-Kapitolu III)

1. Il-postijiet ta' l-ikel għandhom jinżammu nodfa u f'kondizzjoni tajba ta' manutenzjoni.

2. L-arranġament, id-disinn, il-kostruzzjoni u d-daqs ta' l-istabbiliment ta' l-ikel iridu:

   (a) jippermettu t-tindif u/jew id-diżinfettazzjoni adegwati;

   (b) jkunu hekk illi jipproteġu kontra l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ, il-kuntatt ma' materjali tossiċi, it-twaqqigħ ta' partikoli fl-ikel u l-formazzjoni tal-kondensazzjoni jew tal-moffa mhux mixtieqa fuq l-uċuh;

   (c) jippermettu l-prattiċi t-tajba ta' l-iġene, inkluża l-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni minn naħa għall-oħra ta' l-oġġetti ta' l-ikel, ta' l-apparat, tal-materjali, ta' l-ilma, tal-provvista ta' l-arja jew tal-personal jew tas-sorsi esterni tal-kontaminazzjoni bħall-insetti bejn u waqt il-ħidmiet;

   (d) jipprovdu, fejn meħtieġ, il-kondizzjonijiet xierqa tat-temperatura għall-ipproċessar u l-ħażna tal-prodotti b'mod iġjeniku.

3. Għandu jkun disponibbli numru adegwat ta' friskaturi tal-ħasil, lokati kif jixraq u ddisinnjati għall-ħasil ta' l-idejn. Għandu jkun disponibbli numru adekwat ta' tojlits bil-flaxxing u konness ma' sistema effettiva tad-drenaġġ. It-tojlits m'għandhomx jagħtu direttament għall-kammar fejn jitqandel l-ikel.

4. Il-friskaturi għall-ħasil ta' l-idejn għandhom jiġu pprovvduti bl-ilma ġieri sħun u kiesaħ, materjali għat-tindif ta' l-idejn u li jiġu xxuttati b'mod iġjeniku. Fejn meħtieġ, il-postijiet għall-ħasil ta' l-ikel għandhom jkunu separati mill-friskaturi għall-ħasil ta' l-idejn.

5. Għandu jkun hemm mezzi xierqa u biżżejjed għall-ventilazzjoni naturali jew mekkanika. Għandu jiġi evitat il-kurrent mekkaniku ta' l-arja minn żona kkontaminataħa għal żona nadifa. Is-sistemi tal-ventilazzjoni għandhom jkunu mibnija hekk illi jgħinu lill-filtri u lill-partijiet l-oħra li jeħtieġu jitnaddfu jew jinbidlu li jkunu aċċessibbli faċilment.

6. Il-konvenjenzi sanitarji kollha għandhom ikunu pprovvduti b'ventilazzjoni adegwata naturali jew mekkanika.

7. Il-postijiet ta' l-ikel għandhom ikollhom dawl adegwat naturali u/jew artifiċjali.

8. Il-faċilitajiet tad-drenaġġ għandhom jkunu adegwati għall-għan maħsub; għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija sabiex jevitaw ir-riskju tal-kontaminazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

9. Għandhom jiġu pprovvduti faċilitajiet biżżejjed fejn l-impjegati jistgħu jbiddlu ħwejjiġhom, fejn meħtieġ.

II

Il-ħtiġiet speċifiċi fil-kmamar fejn l-ikel jiġi mħejji, ittrattat jew ipproċessat (eskluži ż-żoni ta' l-ikel u dawk il-postijiet speċifikati fil-Kapitoli III)

1. Fil-kmamar fejn l-ikel jiġi mħejji, ittratat jew ipproċessat (minbarra ż-żoni ta' l-ikel):

   (a) l-uċuh ta' l-art għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba u għandhom jinħaslu u, fejn meħtieġ, jiġu diżinfettati faċilment. Dan jeħtieġ l-użu ta' materjali impervji, li mhumiex assorbenti, li jistgħu jinħaslu u li mhumiex tossiċi għajr jekk l-operaturi tan-negozju kummerċjali ta' l-ikel jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti li l-materjali oħra li qed jintużaw huma xierqa. Fejn appropriat, il-wiċċ ta' l-art għandu jippermetti l-drenaġġ adekwat;

   (b) l-uċuh tal-ħitan għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba u għandhom jkunu jistgħu jinħaslu u, fejn meħtieġ, jiġu ddiżinfettati faċilment. Dan jeħtieġ l-użu ta' materjali impervji, mhux assorbenti, li jistgħu jinħaslu u li mhumiex tossiċi u jeħtieġu wiċċ lixx ta' għoli biżżejjed għax-xogħol għajr jekk l-operaturi tan-negozju kummerċjali ta' l-ikel jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti joqgħod l-użu ta' materjali oħra xierqa;

   (ċ) is-soqfa u t-twaħħil fil-għoli għandhom jkunu ddisinjati, mibnija u rfinati sabiex jipprevjienu l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ u sabiex jitnaqqsu l-kondensazzjoni, it-tkabbir ta' moffa mhux mixtieqa u t-twaqqigħ ta' partikoli;

   (d) it-twieqi u l-aperturi l-oħra għandhom jiġu mibnija hekk illi jipprevjienu l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ. Dawk li jistgħu jinfetħu għall-fuq barra għandu ikollhom fejn meħtieġ paraventi kontra l-insetti li jistgħu jintneħħew malajr għat-tindif. Fejn twieqi miftuħa jirriżultaw fil-kontaminazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel, dawn it-twieqi għandhom jinżammu magħluqa waqt il-produzzjoni;

   (e) il-bibien għandhom jkunu jistgħu jitnaddfu bla xkiel u, fejn hu meħtieġ, iddiżinfettati. Dan jeħtieġ l-użu ta' materjal lixx u li ma jixrobx l-ilma għall-uċuh għajr jekk l-operaturi tan-negozju kummerċjali ta' l-ikel jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti li joqgħod l-użu ta' materjali oħra xierqa;

   (f) l-uċuh (inklużi l-uċuh tat-tagħmir) li jmissu ma' l-ikel għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba u għandhom jkunu jistgħu jitnaddfu u, fejn hu meħtieġ, iddiżinfettati faċilment. Dan jeħtieġ l-użu ta' materjali lixxi, li jistgħu jinħaslu u li mhumiex tossiċi għajr jekk l-operaturi tan-negozju kummerċjali ta' l-ikel jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti li joqgħod l-użu ta' materjali oħra xierqa.

2. Fejn meħtieġ, għandhom jiġu pprovvduti faċilitajiet adegwati għat-tindif u d-diżinfestazzjoni tal-għodda u tat-tagħmir. Dawn il-faċilitajiet għandhom jkunu magħmula minn materjali li jirreżistu l-korrużjoni u għandhom jkunu faċli għat-tindif u jkollhom provvista adegwata tal-miśhun u l-ilma kiesaħ.

3. Fejn appropriat, għandu jkun hemm provvista biżżejjed għal kull ħasil meħtieġ ta' l-ikel. Kull sink jew faċilità oħra għall-ħasil ta' l-ikel għandu jkollhom provvista adegwata tal-miśhun u/jew ta' l-ilma tax-xorb kif meħtieġ u għandhom jinżammu nodfa.

III

Il-ħtiġiet ta' l-istabbilimenti li jiċċaqalqu minn post għall-ieħor u/jew temporanji (bħalma huma t-tined kbar, il-posti tas-suq, il-vetturi mobbli li jbigħu), li jintużaw primarjament bħala djar privati, stabbilimenti li xi kultant jintużaw għall-provvediment ta' l-ikel, u magni li jbigħu l-oġġetti

1. L-istabbilimenti u l-magni tal-bejgħ għandhom jkunu ddisinjati, mibnija u jinżammu nodfa u f'kondizzjoni tajba tat-tiswija u f'kondizzjonijiet hekk li jipprevjenu r-riskju tal-kontaminazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u li jżommu l-insetti, sakemm u safejn hu raġjonevolment prattikabbli.

2. B'mod partikolari u fejn meħtieġ:

   (a) għandhom jkunu disponibbli faċilitajiet fejn l-iġjene personali tinżamm adegwata (inklużi l-faċilitajiet għall-ħasil u l-ixxuttar iġjeniċi ta' l-idejn, arranġamenti sanitarji iġjeniċi u faċilitajiet għat-tibdil);

   (b) l-uċuh li jmissu ma' l-ikel għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba u li jistgħu jitnaddfu u, fejn hu meħtieġ, iddiżinfettati faċilment. Dan ikun jeħtieġ l-użu ta' materjali lixxi, li jinħaslu u li mhumiex tossiċi għajr jekk l-operaturi tan-negozju kummerċjali ta' l-ikel jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti li l-materjali oħra li qed jintużaw huma xierqa;

(c) għandu jkun hemm provvista adegwata għat-tindif u, fejn meħtieġ, għad-diżinfestazzjoni tal-għodda u tat-tagħmir;

(d) għandu jkun hemm faċilitajiet għat-tindif ta' l-oġġetti ta' l-ikel;

(e) għandu jkun hemm provvista adegwata ta' ilma tax-xorb sħun u/jew kiesaħ;

(f) għandhom jkunu disponibbli arranġamenti u/jew faċilitajiet adegwati għall-ħażna u d-disponiment iġjeniċi tas-sustanzi perikoluży u/jew li ma jistgħux jittieklu u ta' l-iskart (likwidu jew solidu);

(g) għandhom jkunu disponibbli faċilitajiet u/jew arranġamenti għaż-żamma u l-monitorjar tal-kondizzjonijiet xierqa rigward it-temperatura ta' l-ikel;

(h) l-oġġetti ta' l-ikel għandhom jitqiegħdu hekk li jevitaw, sakemm u safejn huwa raġjonevolment prattikabbli, ir-riskju ta' kontaminazzjoni.

IV

It-trasport

1. Il-mezzi tal-ġarr u/jew il-kontenituri wżati għat-trasport ta' l-oġġetti ta' l-ikel għandhom jinżammu nodfa u f'kondizzjoni tajba tat-tiswija sabiex jipproteġu l-oġġetti ta' l-ikel mill-kontaminazzjoni u jridu, fejn meħtieġ, ikunu ddisinjati u mibnija sabiex jippermettu t-tindif u/jew id-diżinfettazzjoni adegwatament.

2. Ir-reċipjenti fil-vetturi u/jew il-kontenituri ma jridux jintużaw għat-trasport ta' ħwejjeġ oħra għajr l-oġġetti ta' l-ikel fejn dawn jistgħu jirriżultaw fil-kontaminazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

L-oġġetti ta' l-ikel bl-ingrossa fil-għamla likwida, granulari jew fi trab għandhom jiġu ttrasportati ġewwa r-reċipjenti u/jew kontenituri/tankijiet riżervati għat-trasport ta' l-oġġetti ta' l-ikel. Dawn il-kontenituri għandhom jkunu mmarkati b'mod li jidher biċ-ċar u b'manjiera li ma titħassarx, f'ilsien jew aktar Komunitarji, biex juru illi jintużaw għat-trasport ta' l-oġġetti ta' l-ikel, jew għandhom jkunu mmarkati "għall-oġġetti ta' l-ikel biss".

3. Fejn il-mezzi tal-ġarr u/jew il-kontenituri jintużaw għat-trasport ta' kull ħaġa oħra b'żieda ma' l-oġġetti ta' l-ikel jew sabiex jittrasportaw oġġetti ta' l-ikel differenti fl-istess ħin, għandu jkun hemm separazzjoni effettiva tal-prodotti, fejn hu meħtieġ, għall-protezzjoni kontra r-riski tal-kontaminazzjoni.

4. Fejn il-mezzi tal-ġarr u/jew il-kontenituri jkunu ntużaw għat-trasport ta' kull ħaġa oħra li mhumiex oġġetti ta' l-ikel jew għat-trasport ta' oġġetti ta' l-ikel differenti, għandu jkun hemm tindif effettiv bejn it-tagħbijiet sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' kontaminazzjoni.

5. L-oġġetti ta' l-ikel fil-mezzi tal-ġarr u/jew il-kontenituri għandhom jitqiegħdu u jiġu protetti hekk illi jimminimizzaw ir-riskju ta' kontaminazzjoni.

6. Fejn meħtieġ, il-mezzi tal-ġarr u/jew il-kontenituri wżati għat-trasport ta' l-oġġetti ta' l-ikel, għandhom jkunu kapaċi jżommu l-oġġetti ta' l-ikel fit-temperaturi approprjati u, fejn meħtieġ, għandhom jkunu ddisinjati sabiex jippermettu l-monitorjar ta' dawn it-temperaturi.

V

Il-ħtiġiet tat-tagħmir

L-oġġetti, l-oġġetti tat-twaħħil u t-tagħmir kollu li magħhom l-ikel jiġi f'kuntatt għandhom jinżammu nodfa u:

(a) jkunu mibnija, u jkunu tal-materjali u jinżamma f'ordni tajba tat-tiswija u fil-kondizzjoni hekk illi jimminimizzaw kull riskju ta' kontaminazzjoni ta' l-ikel;

(b) bl-eċċezzjoni tal-kontenituri u l-pakkeġġi li ma jingħatawx lura, għandhom jkunu mibnija, ikunu tal-materjal u jinżamma f'ordni tajba tat-tiswija u fil-kondizzjoni hekk illi jkunu jistgħu jinżammu nodfa bir-reqqa u, fejn hu meħtieġ, iddiżinfettati biżżejjed skond l-għanijiet maħsuba;

(c) jiġu stallati hekk illi jippermettu t-tindif adegwat taż-żona ta' madwar.

VI

L-iskart ta' l-ikel

1. L-iskart ta' l-ikel u skart ieħor ma jridux jitħallew jakkumulaw fil-kmamar ta' l-ikel għajr sakemm u safejn dan ma jistax jiġi evitat għall-funzjonament xieraq tan-negozju kummerċjali.

2. L-iskart ta' l-ikel u skart ieħor għandhom jiġu ddepożitati f'kontenituri li jingħalqu għajr jekk l-operaturi tan-negozju kummerċjali ta' l-ikel jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti li tipi oħra tal-kontenituri wżati huma approprjati. Dawn il-kontenituri għandhom ikunu ta' kostruzzjoni approprjata, jinżammu f'kondizzjoni tajba u fejn meħtieġ faċli li jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati.

3. Għandu isir provvediment adegwat għat-tneħħija u l-ħażna ta' l-iskart ta' l-ikel u ta' skart ieħor. L-imħażen ta' l-iskart għandhom jkunu ddisinjati u mmaniġġjati hekk illi jgħinuhom jinżammu nodfa u jipproteġu kontra l-aċċess ta' l-insetti qerrieda u kontra l-kontaminazzjoni ta' l-ikel, ta' l-ilma għax-xorb, tat-tagħmir jew tal-post.

VII

Il-provvista ta' l-ilma

1. Għandu jkun hemm provvista adegwata ta' ilma tax-xorb kif speċifikat fid-Direttiva tal-Kunsill 80/778/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 li għandha x'taqsam mal-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem [1]. Dan l-ilma tax-xorb għandu jintuża kull meta meħtieġ sabiex jiżgura illi l-oġġetti ta' l-ikel ma jkunux ikkontaminati.

2. Fejn approprjat, is-silġ għandu jintgħamel minn ilma li jilħaq l-ispeċifikazzjonijiet li hemm referenza għalihom fid-Direttiva 80/778/KEE. Dan is-silġ għandu jintuża kulmeta meħtieġ sabiex jiżgura illi l-oġġetti ta' l-ikel ma jiġux ikkontaminati. Għandu isir, jitqandel u jinħażen skond il-kondizzjonijiet li jipproteġuh minn kull kontaminazzjoni.

3. Il-fwar użat direttament f'kuntatt ma' l-ikel m'għandu ikun fih l-ebda sustanza li tippreżenta periklu għas-saħħa jew li x'aktarx tikkontamina l-prodott.

4. L-ilma mhux tajjeb għax-xorb li jintuża għall-ġenerazzjoni tal-fwar, għar-refriġerazzjoni, għall-kontroll tan-nar u għal għanijiet simili li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-ikel, għandhom jgħaddu minn sistemi separati, li jingħarfu mill-ewwel u li ma jkollhom l-ebda konnessjoni mas-sistemi ta' l-ilma tax-xorb jew il-possibbiltà ta' jgħaddu għal ġo fihom.

VIII

L-iġjene personali

1. Kull persuna li taħdem f'żona fejn jitqandel l-ikel għandha iżżomm livell għoli ta' ndafa personali u għandha tilbes ilbies xieraq, nadif u, fejn approprjat, protettiv.

2. L-ebda persuna, magħrufa jew issuspettat li tbati minn jew li tista' tkun qiegħda ġġorr marda li tista' tiġi trasmessa permezz ta' l-ikel jew meta tkun qiegħda ssofri minn, per eżempju, feriti infettati, infezzjonijiet tal-ġilda, ġrieħi jew id-dijarrea, m'għandha titħalla taħdem f'żona fejn l-ikel jiġi mqandel f'kull kapaċità fejn ikun hemm il-probabbiltà ta' kontaminazzjoni diretta jew indiretta ta' l-ikel minn mikro-organiżmi patoġeniċi.

IX

Disposizzjonijiet li japplikaw għall-oġġetti ta' l-ikel

1. L-ebda materji jew ingredjent nejja m'għandhom jiġu aċċettat minn negozju kummerċjali ta' l-ikel jekk ikunu magħrufa li huma, jew li jkunu mistennija li jkunu, hekk ikkontaminati b'parassiti, mikro-organiżmi patoġeniċi jew tossiċi, u sustanzi dekomposti jew barranija illi, wara l-għażla normali fi gruppi u/jew il-proċeduri tat-tħejjija jew tal-ipproċessar applikati iġjenikament min-negozji kummerċjali ta' l-ikel, xorta jibqgħu mhux tajba għall-konsum mill-bniedem.

[1] ĠU L 229, tat-30.8.1980, p. 11. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48).

2. Il-materjali u l-ingredjenti nejja maħżuna fl-istabbiliment għandhom jinżammu f'kondizzjonijiet approprjati maħsuba sabiex jipprevjienu d-deterjorazzjoni perikoluża u jipproteġuhom mill-kontaminazzjoni.

3. L-ikel kollu li jiġi mqandel, maħżun, ippakkjat, espost għall-wiri u ttrasportat għandu jiġi protett minn kull kontaminazzjoni li x'aktarx jirrendu l-ikel mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem, ta' ħsara għas-saħħa jew ħekk ikkontaminat illi ma jkunx raġjonevoli li jiġi mistenni li jiġi kkunsumat f'din il-kondizzjoni. B'mod partikolari, l-ikel għandu jitqiegħed u/jew jiġi protett ħekk illi jiġi mminimizzat kull riskji ta' kontaminazzjoni. Għandhom jiġu mdaħħla proċeduri adegwati sabiex jiżguraw il-kontroll ta' l-insetti qerrieda.

4. Il-materji primi, l-ingredjenti, il-prodotti intermedjarji u l-prodotti mlestija li x'aktarx jgħinu t-tkabbir tal-mikro-organiżmi patoġeniċi jew il-formazzjoni tat-tossini għandhom jinżammu f'temperaturi li ma jirriżultawx f'riskju għas-saħħa. B'mod konsistenti mas-sigurtà ta' l-ikel, huma permessi perjodi limitati taż-żmien barra mill-kontroll tat-temperatura fejn meħtieġa sabiex jiġu akkommodati l-prattikalitajiet tat-tqandil waqt il-ħejjija, it-trasport, il-ħażna, l-espożizzjoni għall-wiri u s-servizz ta' l-ikel.

5. Meta l-oġġetti ta' l-ikel għandhom jinżammu jew jiġu serviti f'temperaturi mkessħa għandhom jiġu mkessħa malajr kemm jista' jkun wara l-istadju finali tal-ipproċessar bis-sħana, jew l-istadju finali jekk ma jiġi applikat l-ebda proċess tas-sħana, sa temperatura li ma tirriżultax f'riskju għas-saħħa.

6. Is-sustanzi perikoluži u/jew li ma jistgħux jittieklu, inkluż il-għalf ta' l-annimali, għandhom jkunu ittikkjettati adegwatament u maħżuna f'kontenituri separati u ta' sigurtà.

X

It-taħriġ

L-operaturi tan-negozji kummerċjali ta' l-ikel għandhom jiżguraw illi dawk li jqandlu l-ikel jiġu ssorveljati u struwiti u/jew imħarrġa f'materji dwar l-iġjene ta' l-ikel li jaqblu max-xogħol li jagħmlu.